**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Dicembru 2021**

Rikors Numru: 407/21 AL

ABC

vs

DC

(MR Nurmu 120/2004)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. ILLI l-partijiet izzewgu nhar id-9 ta' Frar 2004 (Dok.A); Nhar is-6 ta' Dicembru 2019 gew awtorizzati jisseparaw (Dok.B, Nota Nru 2638/19, Digriet Nru 2953/19) u sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar James Grech ta' l-20 ta' Jannar 2020 (Dok.C);

2. ILLI l-partijiet ilhom separati de facto minn Dicembru 2017, kif iddikjarat f' paragrafu 4(a) tal-kuntratt Dok.C; minn dak iz-zmien qatt

ma sehhet l-ebda rikonciljazzjoni, u ma hemm l-ebda possibilita' li ssehh;

3. ILLI l-partijiet ilhom fattwalment u legalment separati iktar minn sena, irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghal marteniment, ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti, u ghalhekk jissussistu r-rekwiziti kollha fil-ligi sabiex tinghata sentenza ta' divorzju;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-hall ta' l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, u

2. Li jigi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-ligi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Settembru, 2021;

Rat illi l-intimat iddikjara li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto separati* minn Diċembru 2017 u legalment separati mill-20 ta' Jannar 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.